**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI – PRESIDENT

ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON

ONOR. IMHALLEF GIOVANNI M. GRIXTI

Att t'Akkuza 12/2015

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**Carmel Cutajar**

Illum, 23 ta' Ottubru, 2019

**Il-Qorti,**

Rat l-Att t'Akkuza migjuba kontra Carmel Cutajar, detentutr tal-karta tal-identita` numru: 00100865M fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fl-20 t'Awissu, 2015, li bih l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna (Maria Cutajar) jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-deliti liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u

indipendenti mill-volonta' tieghu; u (2) fil-waqt li kien qed jaghmel reat volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjoni jew imitazzjoni ta' dawn l-oggetti, u dana minghajr skop legittimu; u kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon, u dan minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaghmel dan; u naqas milli javza lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih malli akkwista, jew xort'ohra milli ghax ikollu licenzja, gew f'idejh xi arma tan-nar u/jew munizzjon, bl-addebitu fuq kull kap, li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat il-verdett tal-gurati tat-8 ta' Marzu, 2016 li bih, b'sitt (6) voti favur u b'tliet (3) voti kontra, sabu lill-imsemmi Carmel Cutajar hati skont l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza b'dana illi fil-waqt li kien taht l-influenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setghax iqis l-eghmil tieghu; bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Carmel Cutajar hati tat-tieni, it-tielet u r-raba kap tal-att ta' akkuza;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija fit-8 ta' Marzu, 2019 kontra Carmel Cutajar li biha ddikjarat lill-imsemmi Carmelo Cutajar hati talli nhar is-Sitta w Ghoxrin (26) ta' Settembru, tas-sena Elfejn u Tnax (2012), ghall-habta tas-siegha u kwart ta' wara Nofsinhar (13:15 hrs), fis-Saqqajja, fil-konfini ta' l-Imdina u f'dawn il-Gzejjer:

1. Dolozoament bil-hsieb li joqtol persuna (Maria Cutajar) jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-

volonta' tieghu, b'dana illi fil-waqt li kien taht l-influenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setghax iqis l-eghmil tieghu.

2. Fil-waqt li kien qed jaghmel reat volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjoni jew imitazzjoni ta' dawn l-oggetti, u dana minghajr skop legittimu.
3. Kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjoni, u dan minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaghmel dan.
4. Naqas milli javza lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih malli akkwista, jew xort'ohra milli ghax ikollu licenzja, gew f'idejh xi arma tan-nar u/jew munizzjon;

B'hekk bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

u kundannatu ghall-perjodu ta' seba snin u nofs prigunerija, mil-liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv kif ukoll kkundannatu ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi fil-process fl-ammont ta' €6,579.84 konvertiti fi prigunerija skont il-ligi f'kaz li ma dawn ma jithallsux b'mod immedjat;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali tat-30 ta' Marzu, 2016 li bih talab lil-din il-Qorti **tbiddel u tirriforma** s-sentenza billi:

i. Thassarha u tmur lura minn dik il-parti tal-verdett fir-rigward ta' l-Ewwel Kap ta' Akkuza li permezz taghha gie dikjarat li Carmel Cutajar kien taht l-influenza mmedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma setghax iqis l-eghmil tieghu u minflok issib lill-appellat Carmel Cutajar hati tal-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuza

minghjar l-ebda skuza fil-ligi kif originarjament prospettat fl-Att tal-Akkuza u tiddetermina verdett ta' sejbien ta' htija f'dan ir-rigward;

ii. U konsegwentement thassar il-piena kif moghtija fil-kawza u minflok taghti dik is-sentenza aktar gravi gustifikata bil-ligi (skont kif mitlub fl-att tal-akkuza) u/jew tiddisponi minn dan l-appell skont il-ligi u ai fini tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

iii. Thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-hati ihallas l-ammont ta' sitt elef hames mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (6579.84) u minflok tikkundannah ihallas l-ammont kollu ta' spejjez inkorsi f'dan il-process ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. Filwaqt illi tikkonfermaha fil-kumplament taghha.

**I. L-Aggravji tal-Avukat Generali**:

1. L-appellant ressaq zewg gravami ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. Fl-ewwel aggravju jilmenta dwar irregolarita' gravi fil-proceduri kawza ta' interpretazzjoni hazin jew applikazzjoni hazina tal-ligi li wassal lill-gurati sabiex isibu htija fl-ewwel Kap tal-akkuza bl-iskuzanti tal-influenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh b'mod li Carmel Cutajar ma setghax iqis l-ghemil tiehgu. Fit-tieni gravam, l-Avukat Generali jikritika d-decizzjoni tal-Qorti Kriminali li tikkundanna lil Carmel Cutajar ghall-parti biss mill-ispejjez inkorsi fil-proceduri;

**II. L-ewwel Aggravju**:

2. B'dan il-gravam, l-Avukat Generali jillanja dik il-parti tal-indirizz tal-Imhallef fil-guri bl-allegazzjoni illi naqset b'mod diskriminat u selettiv milli ggib a konjizzjoni tal-gurati u tispjega

dik il-parti tal-ligi dwar wahda mil-linji difensjonali, senjatament l-artikolu 229 (c), li jghid li l-iskuza tal-influenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh mhix ammissibbli jekk il-hati jfittex il-provokazzjoni bhala pretest biex joqtol jew biex jaghmel hsara gravi fuq il-persuna, inkella jfittex li joqtol jew li jaghmel hsara gravi fuq il-persuna qabel ma kien hemm ebda provokazzjoni:

"Illi skont gurisprudenza recenti ta' din l-Onorabbli Qorti, jinghad li wahda mill-funzjonijiet ingenti tal-Imhallef waqt guri, huwa li jispjega lill-gurati l-elementi kollha ta' reat u jew punt ta' Ligi. Illi in vena ta' dan, l-esponent jaghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Alfred Bugeja*** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali sede Superjuri, kif presjeduta mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri, l-Imhallef David Scicluna u l-Imhallef Joseph Zammit McKeon nhar is-6 ta' Frar fejn gie ritenut li:

*"Il-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-gurat x-xorta u l-element tar-reat migjub fl-Att ta' Akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-gurati u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-gurat s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-gurati kif ghandhom jaqdu sewwa d-dmirijiet taghhom.* ***Jigifieri l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukol ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita; u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli.***

"Ghalhekk isegwi li l-Imhallef irid jistrada lil gurati u jaghrrafhom bl-elementi kollha ta' reat jew punt legali. F'dan il-kaz, allura kellha tabilfors issir referenza wkoll ghall-Artikolu 229 tal-Kap 9, galadarba dan l-Artikolu jistipula l-istanzi fejn l-iskuza tal-omicidju volontarju ma tkunx ammissibbli. Il-Ligi trid tittieded u ghandha tigi spjegata fit-totalita' taghha; ma jistax wiehed jaqbad il-kuncett ta' temperament tar-responsablita' kriminali bhal ma hi l-iskuza u jfiehma b'manjiera izolata minghajr ma jidhol fl-eccezzjonijiet meta tali skuza ma tapplikax (cioe l-Artikolu 229 tal-Kap 9);

3. Din hija riproduzzjoni tal-parti dispozittiva tar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali li l-Qorti li jidrilha li tispjega dak minnu interpost;

**<u>III.</u>** **<u>Il-Linja difensjonali</u>**:

4. Minn ezami tal-atti processwali, jemergi illi wahda mill-linji difensjonali, attwalment it-tieni linja difensjonali ta' Carmel Cutajar u ghalhekk b'mod alternattiv ghall-ewwel linja difensjonali tieghu dwar l-akkuza principali, hija li f'dak il-mument li fih sehh it-tenttattiv t'omicidju, kien aflitt minn agitazzjoni tal-mohh. Is-segwenti huwa estratt mit-traskrizzjoni tal-indirizz tal-Imhallef fil-guri (minn pagna 219, 220, u 221) li tispjega din il-linja lill-guri:

*It-tieni linja difensjonali kif ghidtilkom prospettata mid-Difiza jekk intom twarrbu l-ewwel linja difensjonali dwar l-intenzjoni, anke jekk ma twarrbuhiex, ghax it-tieni linja difensjonali ha tapplika kemm jekk intom jirrizultalkom li hemm ir-reat ta' t-tentattiv ta' l-omicidju, kemm jekk intom jirrizultalkom li hemm l-offiza gravi.*

*Issa x'qed jghidu d-Difiza hawnhekk? Id-Difiza qed jghidulkom illi Carmelo Cutajar ghamel dak li ghamel minhabba, jigifieri ghamlu pero' ghamlu minhabba li f'dak il-mument kien aflitt minn agitazzjoni tal-mohh. Issa jekk inharsu lejn il-ligi jghidilna hekk: Illi l-omicidju volontarju huwa skuzabbli meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taht l-influenza mmedjata ta' passjoni istantanja. Issa d-Difiza qed tghidilna hawnhekk illi ma hijiex qed tiprospetta dik ic-cirkostanza, ma hijiex qed tiprospetta c-cirkostanza ta' l-influenza mmedjata ta' passjoni istantanja, imma qed tghidilkom, qed tapplika il-jew. Mela meta ssir minn persuna fil-waqt li tkun taht l-influenza mmedjata jew agitazzjoni tal-mohh. Mela qed jghidulna Carmelo Cutajar kien aflitt minn agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha fil-waqt ta' d-delitt, fil-waqt ta' d-delitt jigifieri fil-mument illi qed jikommetti d-delitt ma jkunx qed iqis l-eghmil tieghu. Dik hija t-tieni linja difensjonali.*

*Mela ghandha lil Carmelo Cutajar aflitt minn agitazzjoni tal-mohh li tkun prezenti fil-mument, fil-waqt ta' d-deitt tant illi hu ma jkunx jista' jqis l-eghmil tieghu.*

*Issa l-ligi tkompli taghtina spjegazzjoni ta' dak illi qed tghidilna hawnhekk, u tghidilna li sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, mela hemmhekk qed nghidu li ma jkunx qed iqis l-eghmil tieghu, issa meta ma jkunx qed iqis l-eghmil tieghu qed tghidilna l-ligi? Il-ligi qed tghidilna li ma jkunx qed iqis l-eghmil tieghu hemm bzonn illi fil-fatt l-omicidju, hawnhekk ma ghandhiex omicidju imma kif ghidna ghandha t-tentattiv tal-omicidju u din id-disposizzzjoni tal-ligi tapplika wkoll, hemm disposizzjoni ohra aktar 'l quddiem u m'inix ser noqghod nurihielkom imma hemm qeghda, tapplika wkoll fil-kaz tal-offiza fuq il-persuna, jigifieri qed nghidu ma jkunx qed*

*iqis l-eghmil tieghu jehtieg li fil-fatt l-omicidju jkun sar minhabba sahna ta' d-demm. Minhabba sahna ta' d-demm, u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmulha ta' l-qtil tal-persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna.*

*Jigifieri inti ma jridx ikollok il-hsieb illi dik il-persuna trid toqtlu jew trid taghmillu l-hsara, imma trid tkun konsegwenza ta' sahna ta' d-demm, illi minhabba fiha inti ma intix qed tqis l-eghmil tieghek. U ha nigu ghat-test issa, issa kif ha nistabilixxu jekk dik is-sahna ta' d-demm tezistix jew le? Dik l-agitazzjoni tal-mohh? Ir-raguni kienet tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqis il-konsegwenzi ta' d-delitt. Mela dak huwa t-test oggettiv. Mela ghandek persuna li hija effetta minn agitazzjoni tal-mohh, prezenti fil-mument ta' d-delitt, fil-waqt ta' d-delitt, konsegwenza li inti ha toqtol jew inkella ha taghmel l-offiza minhabba li tkun qieghed f'sahna ta' demm, mhux ghax tkun ghamilt il-hsieb, l-intenzjoni li dak il-bniedem toqtlu jew li tqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, u kif it-test ha nuzaw biex naraw jekk dik l-agitazzjoni tal-mohh hijiex wahda li hija skuzabbli jew le? Irridu nuzaw it-test ta' njies ta' temperament ordinarju. Jigifieri ma nqisux bniedem ta' temperament bniedem li minhabba f'dik is-sahna ta' d-demm ma huwiex qed iqis il-konsegwenzi ta' l-azzjonijiet tieghu.*

*..../.....*

*Haga li rrid nispjegalkom ukoll ma jfissirx illi ghax ikollu s-sahna ta' d-demm ghaliex ikollu l-agitazzjoni tal-mohh huwa ma jkunx jaf li qed jaghmel u ma jridx jaghmilha. Mela huwa qed jaghmel dik il-haga, jaf li qed jaghmilha, irid jaghmilha pero' f'dak il-hin minhabba s-sahna ta' d-demm ma jkunx qed iqis il-konsegwenzi tal-eghmil tieghu. Mhux bhal meta inti*

*tifformola l-intenzjoni biex toqtol jew l-intenzjoni biex twegga', illi inti taf ezattament tghid jien ha noqtol mela naf x'inhuma l-konsegwenzi ta' eghmil fil-fatt illi qed naghmel. Jew jien ha ncapcaplu daqqa ta' harta lil Frans, naf illi nista' nweggghu u rrid inweggghu u rrid naghmilha pero' minhabba dik il-kundizzjoni mentali li jiena ninsab fiha, dik il-mental excitement, dik il-heat of the blood, jiena ma inix qed naghraf dik l-azzjoni tieghu li jiena qed naghmel u li jiena rrid naghmilha, ma nafx dik l-azzjoni tieghu fejn ser twassalni, x'inhuma l-konsegwenzi taghha.*

5. Ezaminati sia din l-esposizzjoni kif ukoll il-kumplament taghha b'mod partikolari dwar l-aspett tat-test oggettiv ta' din l-iskuzanti, l-Imhallef kienet korretta ghall-ahhar sa l-icken dettall. L-iskuzanti ravvizata fis-subartikolu (c) tal-artikolu 227, izda, hija cirkoskritta minn kriterji ta' applikabitlita', ossia nuqqas ta' applikabilita' u ghall-ahjar intendiment qed ikunu hawn riprodotti id-disposizzjonijet relattivi tal-Kodici Kriminali;

## IV. L-iskuzanti

6. Is-Sub-titolu V tat-Titolu VIII, Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali jipprovdi dwar l-iskuzi ghad-delitti msemmija fis-Sub-titoli ta' qabel, inkluz, allura fuq l-omicidju u l-offizi fuq il-persuna. L-artikolu 227 subartikolu (c) jjipprovdi hekk:

> **227**. L-omicidju volontarju hu skuzabbli –
>
> (c) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taht l-influenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha;
>
> sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-

hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.

**229**. L-iskuza msemmija fl-artikolu 227(c), mhix ammissibbli –

(c) jekk il-hati jfittex il-provokazzjoni bhala pretest biex joqtol jew biex jaghmel hsara gravi fuq il-persuna, inkella ifittex li joqtol jew li jaghmel hsara gravi fuq il-persuna qabel ma kien hemm ebda provokazzjoni.

## <u>V.</u> <u>Konsiderazzjonijiet:</u>

7. Illi l-ilment tal-Avukat Generali hu li l-Imhallef fil-guri naqset milli ssemmi u tispjega lill-gurati l-inapplikabilita' tad-difiza tal-agitazzjoni tal-mohh f'dawk ic-cirkostanzi kif ravvizati fl-artikolu 229(c) tal-Kodici Kriminali. It-tezi tal-Akkuza hi li l-appellat kien ifformula l-hsieb li joqtol lil Maria Cutajar sew qabel ma ddecieda li jiehu f'idejh l-arma tan-nar mill-kommodina ta' hdejn is-sodda tieghu, saq ghal fejn kienet tahdem l-istess Maria Cutajar u wara li kkonvinciha tohrog sabiex tkellmu, bil-kalma kollha kkonduciha ftit passi boghod sa fejn it-Tarag tas-Saqqajja, u wara li ghad-domanda tieghu wegbitu li ma kienitx ser terga tirrirtona d-dar matrimonjali, sparalha tir ghal sidirha. Hija ghalhekk inaplikabbli, skont l-Avukat Generali, l-iskuzanti ravvizata fl-artikolu 227(c) ghaliex bid-domanda li ghamel l-appellat lil Maria Cutajar u ghaliex kien jaf li ma kienitx ser terga' lura d-dar, kien qed ifittex pretest sabiex ikun provokat;

8. Kif gia inghad *supra,* l-iskuzanti tal-agitazzjoni tal-mohh kienet it-tieni linja difensjonali prospettata mill-abbli difensuri tal-appellat fl-arringa. Fir-replika, l-abbli avukat rapprezentanti l-Ufficcju tal-Avukat Generali, rribadiet u spjegat dwar din l-iskuzanti u l-inapplikabilita' taghha fic-cirkostanzi li l-ligi teskludi u spjegat illi meta, skont l-akkuzat, skattat din il-

passjoni istantaneja u agitazzjoni tal-mohh, l-arma li qatt qabel ma kienet harget mid-dar, kienet mieghu dak il-hin u li ghalhekk kollox kien mahsub minn qabel u li huwa inutili ghalih li jghid li dak il-hin kien aflitt minn agitazzjoni tal-mohh;

9. Il-Qorti fliet skrupolozament it-traskrizzjoni tal-indirizz tal-Imhallef tal-Qorti Kriminali lill-guri u ma jidhirx li hemm xi parti minnu li ticcita *verbatim* id-dicitura tal-ligi dwar l-inapplikabilita' tal-iskuzanti fic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 229 (c). L-Imhallef spjegat b'mod akkurat l-elementi tad-difiza tal-iskuzanti u dwar dan certament ma jista' jinghad xejn negattiv. Jibqa' l-fatt, izda, skont l-Avukat Generali, li la darba l-Akkuza ssollevat l-inapplikabilita' tal-iskuzanti l-Imhallef kellha tindika dan l-artikolu tal-ligi u tispjegah lill-gurati sabiex bhala l-Imhallfin tal-fatt ikunu f'qaghda jaslu ghall-verdett taghhom bl-ahjar informazzjoni u direzzjoni;

10. Minkejja dan, l-Imhallef spjegat lil-gurati is-segwenti kawtela kif tidher fit-traskrizzjoni f'pagna 219:

> *Issa l-ligi tkompli taghtina spjegazzjoni ta' dak illi qed tghidilna hawnhekk, u tghidilna li sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu, mela hemmhekk qed nghidu li ma jkunx qed iqies l-eghmil tieghu, issa meta ma jkunx qed iqies l-eghmil tieghu qed tghidilna l-ligi? Il-ligi qed tghidilna li ma jkunx qed iqies l-eghmil tieghu hemm bzonn illi fil-fatt l-omicidju, hawnhekk ma ghandiex omicidju imma kif ghidna ghandha t-tentattiv tal-omicidju u din id-disposizzjoni tal-ligi tapplika wkoll, hemm disposizzjoni ohra aktar 'il quddiem u m'inix ser noqghod nurihielkom imma hemm qeghda, tapplika wkoll fil-kaz tal-offiza fuq il-persuna, jigifieri qed nghidu ma jkunx qed*

*iqies l-eghmil tieghu jehtieg li fil-fatt l-omicidju jkun sar minhabba sahna ta' d-demm. Minhabba sahna ta' d-demm, u* *mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmula ta' l-qtil tal-persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna.*

*Jigifieri inti ma jridx ikollok il-hsieb illi dik il-persuna trid toqtlu jew trid taghmillu l-hsara, imma trid tkun konsegwenza ta' sahna ta' d-demm, illi minhabba fiha inti ma intix qed tqis l-eghmil tieghu"*

11. F'pagna 220 tat-traskrizzjoni imbaghad, Imhallef tkompli tispjega f'zewg okkazzjonijiet ohra hekk:

*Mela ghandek persuna li hija effetta minn agitazzjoni tal-mohh, prezenti fil-mument tad-delitt, filwaqt ta' d-delitt, konsegwenza li inti ha toqtol jew inkellha ha taghmel offiza minhabba li tkun qieghed f'sahna ta' demm, mhux ghax tkun ghamilt il-hsieb, l-intenzjoni li dak il-bniedem toqtlu jew li tqieghed il-hajja tieghu f'periklu car ...*

*Mela hemm the heat of the blood. The heat of the blood illi inti minhabba dik is-sahna ta' d-demm ma intix kapaci tifformola l-intenzjoni li toqtol. Ma tridx tkun ghamilt l-intenzjoni li toqtol jew li tghamillu l-hsara ghax inkella hemmhekk ghandek il-kaz minghajr skuzabbli, ma intix skuzat* (Sottolinar ta' din il-Qorti kull fejn jidher fir-riproduzzjoni ta' din il-parti tat-traskrizzjoni);

12. Il-monitu espress mill-Imhallef kull meta spjegat li "ma tridx tkun ghamilt l-intenzjoni li toqtol jew li taghmillu hsara ghax inkella hemmhekk ghandek il-kaz minghajr skuzabbli" huwa riflessjoni tal-inapplikabilita' tal-iskuzanti ravvizat fl-artikolu 229(c) tal-Kodici Kriminali li dwaru jilmenta l-Avukat

Generali fl-appell odjern. Seta' kien spjegat ahjar dan l-artikolu tal-ligi? Certament li iva;

13. Dwar dan, izda, irid jinghad ukoll illi din il-Qorti fliet il-verbali tal-udjenzi quddiem il-Qorti Kriminali u mkien ma jirrizulta li l-Avukat Generali qajjem punt ta' dritt in rigward din il-kwistjoni. Ghad illi certament mhux gustifikat, anzi huwa inacettabbli, li xi wahda mill-partijiet tinterrompi waqt l-indirizz tal-Imhallef lill-gurati, pero' fil-prattika kwazi invarjabilment tinstab dik l-okkazzjoni fejn xi wahda mill-partijiet tista' tqajjem punt ta' dritt fejn allura l-gurija tintalab tirtira u jkun hemm diskussjoni in rigward. L-Imhallef bdiet tindirizza lill-gurati fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2016 wara nofsinhar u wara li d-Difiza spiccat il-kontro-replika taghha. F'dik l-udjenza l-Imhallef kienet lahqet spjegat il-linja difensjonali tal-agitazzjoni tal-mohh. L-ghada, 8 ta' Marzu, l-Imhallef kompliet bl-indirizz taghha fejn ghaddiet in rassenja l-punti diskussi fil-jum ta' qabel u f'hin minnhom talbet lill-gurati jirtiraw mill-awla. Imqabbel mat-traskrizzjoni tal-indirizz, dan sehh proprju fl-ahhar mumenti tal-Indirizz meta l-Imhallef waslet biex tispjega dwar is-*sample verdict* (pagna 255): "*Issa jien f'dan il-punt suppost nghaddulkom is-sample verdicts pero' jidher illi hemm xi dizgwid zghir bejn l-avukati w allura li ha naghmel hu ha nitlobkom tirtiraw ftit halli niddiskutu dan il-punt, umbaghad wara meta tohorgu jiena nghaddilkom is-sample verdicts u nispjegalkom umbaghad is-sample verdicts x'fihom*".

14. Huwa ghalhekk evidenti illi kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn l-Akkuza setghet talbet lill-Imhallef sabiex ticcara ahjar lill-gurati l-iskuzanti u l-inapplikabilita' taghha. Dan seta sar sia wara li l-gurija irtirat ghall-mistrieh f'eghluq il-jum tas-7 ta" Marzu, 2016 kif ukoll meta l-gurija intalbet sabiex tirtira biex ikun diskuss is-*sample verdict* fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, meta l-

Imhallef kienet prattikament waslet fl-ahhar tal-indirizz. Ezaminati l-verbali tal-udjenzi, izda, ma hemm xejn registrat in rigward bhalma gara meta l-Akkuza talbet li fis-*sample verdict* kellu jkun indikat li l-allegata offiza kienet diretta lejn Maria Cutajar bhala "mart" l-akkuzat, fejn hemmhekk kienet registrata opposizzjoni mid-difiza, segwita b'digriet tal-Qorti u dikjarazzjoni ohra tal-Akkuza li ghalhekk ma kienitx ser tiffirma s-*sample verdict*;

15. Dan qed jinghad ghaliex **f'Archbold - Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2014**, (Sweet & Maxwell), fil-parti intestata **XV. ARGUMENT AS TO THE RELEVANT LAW – Timing 4-417,** kien trattat punt interessanti u li dwaru intqal hekk:

> "Where a judge, in advance of the summing up, indicates to counsel that he intends to give a certain direction, but then changes his mind, he should normally inform counsel and give them a further opportunity to address him; if nothing is said, counsel should raise the matter at the conclusion of the summing up, in the absence of the jury, in case the omission was an oversight: *R. v. Middleton, The times, April 12,2000, CA.*
>
> "To avoid the discussion being inhibited, it is clearly preferable for the jury to be out of court during discussion about the content of a summing up …"

16. Tajjeb ukoll li jkun citat s-segwenti bran mill-**Archbold** (*ibid* 4-433, 434) li jista' jkun ta' ghajnuna ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni hawn devoluta:

"Prosecuting counsel is under a positive duty to draw to the attention of the judge's attention any failure to give adequate and proper directions on the law (*R. v. Lang-Hall, The Times, March 24, 1989, CA*) and must make sure that the essential ingredients of a summing up are put before the jury – the judge is entitled to rely on that assistance being available to him: *R. v McVey* [1988] Crim. L.R. 127, CA. This duty is set out at paragraph 10.7 of the Written Standards for the Conduct of Professional Work that accompanied the eight edition of the Code of Conduct for the Bar of England and Wales (Appendix C-33).

"The importance of counsel's duty to draw the judge's attention to any omission to direct the jury on any essential matter of law was emphasised in R. v. Roberts [1992] Crim. L.R. 375, CA. See Also R. v. Donoghue, 86 Cr. App.R.267, CA (helpful for prosecution counsel to make check-lists of necessary directions on law).

"The extent to which defence counsel is under the same duty is not clear. In R.v. Cocks, 63 Cr.App.R.79, CA, James L.J. said, *obiter,* at p.82: .... " defending counsel owes a duty to his client and it is not his duty to correct the judge if a judge has gone wrong." In R. v. Edwards (N.W.), 77 Cr.App.R.5, CA, the court, without expressly deciding the point, proceeded upon the basis that the dictum in *Cocks* applies where the judge failed to direct the jury upon the standard of proof. However, Robert Goff L.J. said that it was inconceivable that defence counsel, acting in the best interests of their clients, could have failed to draw the judge's serious omission to his attention if they had not formed a view as to the overwhelming nature of the evidence in the case: " .... If in future, counsel ever find themselves places as counsel for the defence were placed at the trial of this appellant, they may find the judgment in the present case of assistance".

17. Ghalkemm id-dover tal-Akkuza fl-episodji appena citati, huwa mnaqqxa fil- Code of Conduct for the Bar of England and Wales u ghalkemm ma hemm xejn konsimili fil-Kodici Kriminali li jorbot lill-Akkuza f'dan ir-rigward, il-principju huwa wiehed ta' buon sens u ma hemm l-ebda raguni ghaliex m'ghandux ikun adottat minn din il-Qorti. Ma kien hemm xejn li jimpedixxi lill-Avukat Generali milli jigbed l-attenzjoni tal-Imhallef fil-guri li, skont hu, naqset milli tindirizza l-artikolu ta' ligi in kwistjoni ghall-kwadru komplet tal-kaz. Tajjeb li jinghad ukoll illi l-Imhallef f'ebda hin ma indikat b'xi mod, illi dak li kienet osservat l-Akkuza fir-replika taghha dwar din id-disposizzjoni tal-ligi ma kienx korretta jew b'xi mod mhux applikabbli ghall-fatti li dwarhom kellhom jiddeciedu l-gurati. L-Akkuza, kritikat il-linja difensjonali tad-Difiza bhala wahda konfuza u spjegat illi l-akkuzat kien gia deciz li joqtol lil Maria Cutajar meta ha l-pistola mill-komodina tieghu, kien jaf li ma kienitx sejra lura d-dar u ghalhekk ma jistghax jghid li kien provokat meta wegbitu li ma kienitx ser tirritorna u li ghalhek ikun intuili ghad-Difiza li tghid li kien ilu xhur b'mohhu mherri bis-sitwazzjoni;

18. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li l-appellat u martu kienu ghaddejjin minn zmien infelici fil-hajja konjugali taghhom sal-punt li martu ddecidiet li titlaq mid-dar konjugali u nghatat kenn f'residenza gestita mill-Agenzija Appogg. L-appellat xorta wahda kien jinsisti li jara lill-martu u lill-uliedu izda, skont martu, l-kbira mit-tfal ma rieditx tarah u ghalhekk kien jiltaqa' ma' martu u ma' bintu z-zghira f'okkazzjonijiet. Kien hemm zmien meta kellu suspett li martu kienet qed taghti wicc lill-haddiehor u dan wara li kien innotta messagg fuq it-telefon cellulari taghha u darb'ohra meta bi zball bghatet messagg fuq it-telefon tat-tifla ta' ohtu. Dak iz-zmien, l-appellat kien ufficcjal tal-Pulizija b'26 sena servizz, izda ma kienx qed jirraporta ghax-xoghol minhabba

mard. Huwa bniedem aflitt ukoll mill-marda tal-fittagni u fil-jum tal-26 ta' Settembru, 2012 wara li ghadda xi hin ghand ohtu, mar id-dar, qabad arma tan-nar antika li kienet ghaddiet ghandu minghand missieru, u saq ghall-post fejn kienet tahdem Maria Cutajar. Talabha bhas-soltu biex ikellimha u accettat u t-tnejn mxew ftit 'l isfel fejn it-tarag tas-Saqqajja fir-Rabat fejn staqsiha jekk kienitx fi hsiebha tigi lura d-dar. Appena wiegbitu fin-negattiv, hareg l-arma u sparaha fid-direzzjoni ta' sider Maria Cutajar li ghalkemm intlaqtet f'sidirha telqet tigri u l-appellat baqa' jigri warajha u jispara. L-appellat spara lilu nniffsu f'sidru u saq lejn l-Ghassa tal-Pulizija fejn irnexxielu jaqla' l-balla minn ma sidru hu stess;

19. Il-prosekuzzjoni esebiet *CCTV recording* li juri lill-appellant jipparkeggja l-vettura tieghu, johrog bil-kalma minnha u bil-kalma jitkellem ma' martu u ghalhekk hi tal-fehma li ma kien hemm l-ebda agitazzjoni tal-mohh f'dak il-mument u li t-twegiba ta' Maria Cutajar li ma kienitx ser tirritorna d-dar kienet biss pretest ghall-provokazzjoni. Fid-deposizzjoni taghha Maria Cutajar ukoll qalet li waqt li kien qed ikellimha l-appellat kien jidher kalm. Dak li l-prosekuzzjoni riedet turi b'dan l-atteggjament tal-appellat hu li sal-hin li fih acceda fuq il-post tax-xoghol ta' martu ma kien aflitt minn ebda agitazzjoni tal-mohh;

20. Prova ohra tal-prosekuzzjoni, izda, hija l-istqarrija tal-appellat li testendi ghall-mija u sittax-il pagna. F'din l-istqarrija l-appellat jispjega dak li ghadda minnu fl-ahhar tlett xhur qabel l-akkadut, u anke ftit qabel, wara zwieg ta' wiehed u ghoxrin sena meta martu telqet mid-dar konjugali hesrem u, skont hu bla ebda raguni, bit-tfal b'kollox. Dakinhar kien qieghed ghand ohtu Had Dingli. Meta hareg, minghandha mar id-dar tieghu r-Rabat u gabar l-arma u minn hemm 'l quddiem ra dalma u ma jafx x'gara. Mistoqsi diversi drabi u ghal hin twil ghaliex ghamel hekk

u biex jispjega kif, l-appellat wiegeb li kulma jiftakar hu li jispara tir fid-direzzjoni ta' martu u wiehed fuqu u la jaf kif saq ghall-Ghassa tar-Rabat hlief li meta qala' l-balla b'idejh beda hiereg hafna demm. Mill-bqija kullma jiftakar hu dalma kbira u xejn aktar. Matul l-istqarrija l-appellat ddikjara kemm-il darba li kien ghadu jhobb lill-martu u li lanqas qatt ma gie fi hsiebu li jghamlilha hekk;

21. Dan kollu, u fatti ohra, kienu rimessi ghall-gudizzju tas-sinjuri gurati fi hdan l-indirizz tal-Imhallef dwar kull kap tal-att tal-akkuza inkluz l-iskuzanti tal-ligi dwar is-sahna tad-demm, t-test oggettiv li jehtieg li jsir biex jaslu jekk jaccettaw li t-tentattiv, jekk jirrizulta, sar taht dawk ic-cirkostanzi li komunement iggib l-effett f'nies ta' temperament ordinarju. L-Imhallef tal-guri, spjegat ukoll lis-sinjuri gurati illi din l-iskuzanti mhix applikabbli f'kaz li persuna tkun gia ghamlet il-hsieb li toqtol jew li taghmel hsara gravi. Huwa minnu li tali inaplikabilita' kienet timmerita ftit aktar dettall pero' ma jistghax jinghad illi b'daqshekk sehhet irregolarita' gravi jew li kien hemm misinterpretazzjoni manifesta jew applikazzjoni skorretta tal-ligi li affettwaw il-verdett tal-gurati. Jidher illi l-gurati kienu tal-konvinciment illi wara li telaq minghand ohtu, l-appellat kien qieghed fi stat ta' agitazzjoni tal-mohh li pperdura sal-hin li l-appellat ta ruhu b'idejh l-Ghassa tal-Pulizija u <u>mhux</u> li dik l-agitazzjoni fegget waqt li kien qed ikellem lill-martu fuq it-tarag tas-saqqajja.

22. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li ma sehhet ebda rregolarita' gravi li biha setghet inghatat direzzjoni hazina lill-gurati biex waslu ghall-verdett li waslu ghalih. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

**VI - It-Tieni Aggravju**

23. Fit-tieni gravam tieghu, l-Avukat Generali jillanja dik il-parti tas-sentenza rigwardanti l-ispejjez tal-esperti nominati mill-Qorti fil-fazi tal-inkjesta *in genere*, jigifieri ghan-nuqqas li tikkundanna lill-appellat sabiex ihallas l-ispejjez ta' espert forensiku fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

24. Fis-sentenza taghha, l-Qorti Kriminali qalet hekk dwar dawn l-ispejjez:

> *Qieset ukoll illi fir-rigward ta' l-ispejjez peritali inkorsi fil-kors ta' dan il-process penali gew nominati diversi esperti li n-nomina taghhom ma kienitx mehtiega u hawn qed issir referenza ghall-esperti tal-gun-shot residue u dak tal-espert Dr. Mario Buttigieg. Inoltre fir-rigward ta' l-esperti nominati sabiex jaghmlu l-analizi ghall-gunshot residue u cioe' l-esperti John Ellul u Christopher Moynehan l-ispiza ezorbitanti in konnessjoni mal-espletazzjoni tal-inkarigu taghhom kienet necessitata minhabba il-fatt illi ma saritx it-tiswija necessarja tal-apparat li hawn fil-Laboratorju Nazzjonali f'Malta sabiex b'hekk kull darba li jkun hemm bzonn li isir dan it-tip ta' analizi qed ikun hemm il-htiega illi dawn isiru f'laboratorju barra minn Malta u dan bi spejjez ezorbitanti. Certament ma ghandux iwiegeb ghal dan in-nuqqas minn naha ta' l-Istat.*

25. Jidher, izda, illi l-ilment tal-Avukat Generali huwa limitat ghad-decizzjoni tal-ewwel Qorti li ma tikkundannax lill-appellat ghall-ispejjez peritali inkorsi fl-ezami tal-*gun shot residue* gewwa laboratorju barra minn Malta, deskritti bhala ezorbitanti, ghaliex l-apparat fil-Laboratorju Nazzjonali ma kienx qed jiffunzjona. L-Avukat Generali hu tal-fehma li din mhix haga fakoltattiva izda hija wahda mandatorja naxxenti mill-artikolu 533 tal-Kodici

Kriminali li jiddisponi li l-Qorti "ghandha" tikkundanna l-hati ghal-hlas tal-ispejjez kollha;

26. L-artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

*Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, lkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-injesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabilit fis-sentenza jew fl-ordni;*

27. Jemergi minn dan illi l-Qorti mghandhiex dejjem u akkost ta' kollox tikkundanna lill-hati ghall-ispejjez kollha inkorsi, ikunu xi jkunu ghaliex hemm element ukoll fakoltattiv fl-istess disposizzjoni fil-kliem: "*jew ta' parti mill-ispejjez*". Gia per ezemplari f'kawzi ohra kien hemm kwistjonijiet dwar ezami ta' telefon cellulari fi kwistjonijiet ta' traffikar ta' droga u fuqu ma jkun instab xejn li seta' jitfa' xi dawl fuq il-kawza jew li b'xi mod seta' kien ta' ghajnuna ghas-sejbien ta' htija, mqarr registrazzjoni ta' telefonata wahda derivanti jew diretta lejn il-hati minn persuna ohra li tohloq in-ness bejn il-hati u traffikant jew persuna ohra involuta f'dak is-sinistru. Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li ma tghabbix lill-appellat bi spejjez li kienu dovuti ghan-nuqqas tal-Istat Malti li jaghmel il-manutenzjoni mehtiega fl-apparat li jintuza biex jezamina il-*gun shot residue*. Jidher mhux kontestat li dak l-apparat kien ezistenti fil-Laboratorju Nazzjonali izda mhux utilizabbli ghaliex aflitt minn hsara. Is-soluzzjoni li l-kampjuni jintbaghtu barra minn Malta ghall-ezami gustament ma kellux jerfa' l-piz tieghu l-appellat meta dawn setghu saru Malta bi spiza drastikament

irhas. L-ewwel Qorti ghalhekk kellha ragun li ma tikkundannax lill-hati ghall-din il-parti tal-ispejjez peritali. Ghal din ir-raguni dan l-aggravju qed ikun michud.

28. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

JOSEPH AZZOPARDI

JOSEPH ZAMMIT MCKEON

GIOVANNI M GRIXTI